Qorti tal-Appell
(Sede Inferjuri)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Appell Numru: 5/15AE

**Hermione Bugeja (appellata)**

**Vs**

**L-Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (appellanti)**

30 ta' Mejju 2017

Permezz ta' rikors datat 26 ta' Frar 2015 ir-rikorrenti talbet ghar-revokat tad-decizjoni tat-Tribunal Ghas-Servizzi Finanzjarji tas-6 ta' Frar, 2015 u fl-istess hin tilqa' l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal.

Permezz ta' twegiba prezentata fil-15 ta' Mejju 2015 (fol. 16) l-appellata wiegbet illi d-decizjoin hi gusta u timmerita konferma.

Fil-parti dispozittiva tad-decizjoni tat-Tribunal, inghad:

> *"Ghal dawn il-mottivi t-tribunal qieghed jirrespingi l-eccezzjoni tal-Awtorita' appellata li dan it-tribunal m'ghandux gurisdizzjoni li jisma' dan l-appell u jordna l-prosegwiment tal-istess appell. Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' appellata."*

L-Awtorita' appellat mid-decizjoni.

**<u>Fatti fil-qosor.</u>**

i. L-appellata u zewgha kienu azzjonisti tas-socjeta' Maltese Cross Financial Services Limited. Zewgha kien ukoll direttur.
ii. Maltese Cross Financial Services Limited kienet soggetta ghal investigazzjoni mill-Awtorita' appellanti, u fis-7 ta' Awwissu 2014 waqfet l-operat tal-imsemmija kumpannija.
iii. Fis-26 ta' Awwissu 2014 l-appellanti u zewgha ffirmaw kuntratt pubbliku li bih itterminaw il-komunjoni tal-akkwisti u sussegwentement l-appellata intavolat proceduri ta' separazzjoni kontra zewgha.
iv. Fit-12 ta' Awwissu 2014 l-appellanti harget *freezing order* fuq l-assi tal-appellata in forza tal-Artiklu 16(1)(a) tal-Att dwar l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap 330 tal-Ligijiet ta' Malta), li ma gietx notifikata lill-appellata.

v. L-appellata saret taf bl-ordni ta' iffrizzar meta ppruvat tiehu flus minghand bank fejn kellha depoziti.

vi. B'ittra tat-28 ta' Ottubru 2014, l-appellanti accettat li b'sehh mis-26 ta' Awissu 2014 is-salarju tal-appellata jigi rilaxxat, diment li taccetta l-kundizzjonijiet li jissemmew fl-istess ittra bhal li ma tbieghx jew tillikwida assi. F'dan ir-rigward l-appellanti talbet lill-appellata sabiex tiffirma dikjarazzjoni li biha tiddikjara li qeghda taccetta l-kundizzjonijiet li jissemmew fl-ittra. L-appellata m'accettatx.

vii. Permezz ta' ittra tal-4 ta' Novembru 2014 l-Awtorita' appellanti spjegat illi l-*freezing order* inhareg *ai termini* tal-artikolu 16(1)(a) tal-Kap. 330 u li l-ligi ma tipprovdix ghan-notifika tal-ordni lill-persuna li kontriha tkun inharget.

viii. L-appellata appellat mill-hrug tal-ordni tal-iffrizar u minn dak li jinghad fl-ittri tat-28 ta' Ottubru 2014 u 4 ta' Novembru 2015. Appell li sar quddiem it-Tribunal Ghal Servizzi Finanzjarji.

ix. F'dawk il-proceduri l-appellanti argumentat illi t-Tribunal ma kellux il-gurisdizzjoni li jisma' l-appell peress illi l-appell ma kienx dwar haga li dwarha hemm dritt ta' appell quddiem it-Tribunal Ghas-Servizzi Finanzjarji.

x. Permezz tad-decizjoni tas-6 ta' Frar 2015 it-Tribunal Ghas-Servizzi Finanzjarji cahad dik l-eccezzjoni.

## **Aggravji.**

L-aggravji huma:

> (i). *"Illi l-Awtorita' fir-risposta taghha argumentat li sia l-Kap 330 u sia l-Kap 370, it-tnejn li huma specifikaw liema decizjonijiet tal-Awtorita' hemm dritt ta' appell minnhom. L-Awtorita' tishaq li biex wiehed ikun jaf liema decizjonijiet tal-Awtorita' jistghu jigu appellati quddiem it-Tribunal wiehed irid jirreferi ghal dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi specifici li permezz taghhom il-legislatur elenka b'mod car u esplicitu dawk id-decizjonijiet tal-Awtorita' li huma appellabbli quddiem it-Tribunal (per ezempju, Artiklu 16(4) tal-MFSA Act, Artiklu 19(2) tal-Investment Services Act; Artiklu 58 tal-Insurance Business Act; Artiklu 50(2) tal-Insurance Intermediaries Act; Article 10 tal-Banking Act ecc) –* ***ubi lex voluit dixit.***
>
> *…*
>
> *Illi f'dan il-kaz l-ordni tal-iffrizar harget taht l-artikolu 16(1)(a) tal-Kap 330 – l-Att dwar l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, u dan l-att ma jsemmix li hemm dritt ta' appell minn tali decizjoni. Dan jikkuntrasta ma diversi artikoli ohra fejn hemm specifikat li hemm dritt ta' appell minn certu decizjonijiet jew azzonijiet tal-Awtorita'."* (fol 3)
>
> (ii). *"Illi d-decizjoni tat-Tribunal hija kontradittorja. Fil-fatt it-Tribunal jibda biex jasal ghal konkluzjoni sana konformi mal-argument tal-Awtorita' appellanti, meta f'pagna 7 tal-istess ighid: 'Hija ghalhekk korretta s-sottomissjoni tal-Awtorita' appellata li s-setghat u l-funzjonijiet ta' dan it-Tribunal huma limitati ghal dawk ic-cirkostanzi biss fejn disposizzjoni ta' ligi specifikament tghid hekk. Is-settur tas-servizzi finanzjarji hu regolat*

*minn numru ta' ligijiet u l-funzjoni tal-Awtorita' bhala regolatrici hija wahda ampja. Minn imkien ma jirrizulta li hemm appell lil da nit-Tribunal minn kwalunkwe decizjoni li tiehu l-Awtorita'. Jirrizulta fil-fatt li dan id-dritt hekk vast ma jezistix. La jaghti l-Kap. 330 li bih hija mwaqqfa l-Awtorita' u lanqas xi ligi ohra. Il-fatt biss li kull ligi li tirregola servizz finanzjarju partikolari telenka wahda wahda dawk ic-cirkostanzi fejn hemm dritt ta' appell lil dan it-tribunal minn decizjoni tal-Awtorita' taht dik il-ligi juri li l-legislatur ried jaghti lil dawn it-tribunal funzjonijiet u setghat limitati.'*

*Illi imbaghad ghal xi raguni it-Tribunal jaghmel U-turn legali u jippronunzja ruhu dijametrikament bl-oppost ghal dak li ghadu kif qal, billi jiftah interpretazzjoni berah li twassal ghal dritt ta' appell fuq kollox."*

## **Konsiderazzjoni.**

Dan l-appell jikkoncerna jekk it-Tribunal ghal Servizzi Finanzjarji ghandux gurisdizzjoni fir-rigward ta' appell minn freezing order mahruga mill-Awtorita Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

Skont l-artikolu 16(1)(a) tal-Att dwar l-Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330), l-istess Awtorita ghanda s-setgha li tordna l-hrug ta' ordni ta' ffrizzar fuq attiv. Dik l-istess ligi, fl-artikolu 21, tistabbilixxi t-Tribunal ghal Servizzi Finanzjarji. F'subinciz (9) jipprovdi f'liema kazijiet jista' jsir appell quddiem it-Tribunal:

*"(a) jekk l-awtorita kompetenti tkunx, fid-decizjoni taghha, applikat hazin xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; jew*
*(b) jekk id-decizjoni tal-awtorita kompetenti tikkostitwixxi abbuz ta' diskrezzjoni jew tkunx ingusta manifestament"*.

Il-ligi ma tatix definizzjoni tal-kelma *'decizjoni'*. L-appell li pproponiet l-appellata sar permezz ta' ittra datata 5 ta' Novembru, 2014, li minnha hu car daqs il-kristall li bbazat l-ilment taghha fuq dan is-subinciz. Tant hu hekk fl-ittra qalet:

*"My client submits that the action taken by the Authority against her in terms of Article 16(1)(a) of Chapter 330 of the Laws of Malta and insofar as it affects her property, including property formerly belonging to the community of acquests, and her monthly salary, is manifestly unfair and constitutes a gross abuse of discretion on the part of the Authority"*.

L-istess kliem li nsibu fl-artikolu 21(9) tal-Kap. 330. Ghandhiex ragun jew le hi materja ohra li m'hijiex rilevanti biex tigi determinata l-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni. Pero' fil-fehma tal-qorti l-ordni ta' ffrizzar ta' attiv ma tistax tigi deskritta b'mod iehor ghajr bhala decizjoni tal-Awtorita. L-appellanti stess fir-rikors tal-appell tirrikonoxxi li l-ordni hi decizjoni, ghalkemm targumenta li l-ligi ma tipprovdix li hemm jedd ta' appell minnha.

L-Awtorita ssostni li sabiex tkun taf liema decizjonijiet huma appellabbli quddiem it-Tribunal, trid issir riferenza ghal disposizzjonijiet tal-ligijiet specifici li bihom il-

legislatur pprovda ghall-jedd ta' appell quddiem it-Tribunal. Hekk per ezempju l-artikolu 19(2) tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370); artikolu 58 tal-att dwar il-Kummerc tal-Assigurazzjoni (Kap. 403); artikolu 50(2) Tal-Insurance Intermediaries Act (Kap.487); u artikolu 10 tal-Att dwar il-Banking (Kap. 371). Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament. Id-dritt ta' appell moghti fl-imsemmija ligijiet, ghandhom x'jaqsmu ma' decizjoni tal-Awtorita li tkun ittiehdet mill-Awtorita taht dawk il-ligijiet specjali. Ghal finijiet ta' dawk il-ligijiet mhux kull decizjoni tal-Awtorita hi appellabbli, izda biss dawk id-decizjonijiet li jissemmew fl-imsemmija disposizzjonijiet. Pero' fil-kaz in ezami l-ordni ta' iffrizar ta' attiv ttiehdet a bazi tal-artikolu 16(1)(a) tal-Kap. 330. Minn din il-ligi ma jirrizultax li hemm disposizzjoni li teskludi dritt ta' appell minn ordni ta' iffrizzar tal-attiv. Il-qorti zzid li minn paragrafu (a) ta' subinciz (9) tal-artikolu 21 hu car li kull decizjoni tal-Awtorita fejn tapplika disposizzjoni tal-Kap. 330, hi appellabbli quddiem it-Tribunal. Fil-Kap. 330 id-dritt ta' appell ma giex limitat biss ghal dawk il-kazijiet li jissemmew f'ligijiet specjali.

Il-qorti zzid li skont regolament 12 tal-ewwel skeda tal-Kap. 330:

> *"(1) Decizjoni mehuda mill-Awtorita' dwar xi mizura ta' prevenzjoni ta' krizi jew **fl-ezercizzju ta' xi setgha [li] ghandha taht dan l-Att*** *jew taht xi ligi ohra jew regolament iehor li jittrasponi l-BRRD,* ***ghandha tkun soggett ghall-appell minn kull persuna li thoss ruhha aggravata bid-decizjoni.***
>
> *(2) Appell minn decizjoni taht is-subparagrafu (1) ghandu jsir fit-Tribunal maghmul skont l-artikolu 21, u ghaldaqstant ghandhom ikunu japplikaw mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu".*

Ghalkemm fil-parti tal-bidu tal-ewwel skeda hemm riferenza ghall-irkupru u rizoluzzjoni (artikolu 7B tal-Kap. 330), id-dicitura tar-regolament 12 hu wiesa' biex jinkludi kull decizjoni li l-Awtorita tiehu fil-qadi tad-dmirijiet taghha taht il-Kap. 330. Disposizzjoni li m'hijiex tillimita l-jedd ta' appell ghal xi decizjoni mehuda in konnessjoni ma' setgha partikolari li ghandha l-Awtorita taht l-Att.

Aggravju iehor tal-appellanti hu li t-Tribunal ikkontradixxa ruhu meta fid-decizjoni qal li ma jezistix dritt ta' appell minn kull decizjoni tal-Awtorita u li l-ligijiet specjali jikkonfermaw li l-legislatur ried jaghti dritt ta' appell quddiem it-Tribunal f'kazjiet partikolari, u wara t-Tribunal ta decizjoni li hi l-oppost ta' dik il-posizzjoni. Il-qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju ghaliex fid-decizjoni t-Tribunal kompla jispjega li ma kienx hemm jedd ta' appell minn kull decizjoni tal-Awtorita izda minn decizjonijiet tal-Awtorita *"naxxenti minn disposizzjonijiet tal-Kap. 330"*. Ghaldaqstant, f'dak li qal it-Tribunal f'pagna 7 tad-decizjoni m'hemm xejn kontradittorju.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.**

**Tordna lir-Registratur sabiex jibghat kopja legali ta' din is-sentenza lis-Segretarju tat-Tribunal ghal Servizzi Finanzjarji sabiex b'hekk it-Tribunal ikun jista' jissokta bis-smiegh tal-appell.**

Anthony Ellul.